

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/1418

tal-4 ta' Awwissu 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Bħala parti mill-politika tal-Unjoni ta' non-rikonoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, il-provvista ta' tagħmir kruċjali għall-ħolqien, l-akkwist jew l-iżvilupp ta' proġetti tal-infrastruttura fil-Krimea u Sevastopol f'setturi importanti, li jinkludu l-enerġija, ġiet ipprojbita mill-Kunsill.
- (3) Ġew fornuti mir-Russja turbini tal-gass, li huma element sostanzjali fl-iżvilupp ta' impjanti ġodda tal-enerġija fil-Krimea, bi ksur tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali għall-bejgħ oriġinali tat-turbini minn kumpannija stabbilita fl-Unjoni lir-Russja.
- (4) L-iskop ta' dawk l-impjanti tal-enerġija huwa li tiġi stabbilita provvista tal-elettriku indipendenti għall-Krimea u Sevastopol, biex b'hekk tkun appoġġata s-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna u jiġu pperikolati l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, din l-azzjoni ddgħajef il-politika tal-Unjoni ta' non-rikonoxximent tal-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol.
- (5) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li persuni, entitajiet u korpi addizzjonali jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (6) Jenħtieġ li l-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

⁽¹⁾ ĠUL 78, 17.3.2014, p. 16.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Awwissu 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
M. MAASIKAS

ANNEX

Lista ta' persuni u entitajiet msemminj fl-Artikolu 1

I. Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-Elenkar
158.	Andrey Vladimirovich CHEREZOV (TSCHERESOW) Черезов, Андрей Владимирович	Viċi Ministru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa. Data tat-twelid: 12.10.1967 Post tat-twelid: Salair, Oblast ta' Kemerovskaya	Igħorr parti mir-responsabbiltà għad-deċiżjoni li jiġu ttrasferiti turbini tal-gass li ġew ikkonsenjati minn Siemens Gas Turbine Technologies OOO lil OAO VO Technopromexport, għall-installazzjoni fil-Krimea. Din id-deċiżjoni tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u tipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	4.8.2017
159.	Evgeniy Petrovich GRABCHAK Грабчак, Евгений Петрович	Kap tad-Dipartiment fil-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa. Data tat-twelid: 18.7.1981 Post tat-twelid: Ust-Labinsk, Reġjun ta' Krasnodar	Responsabbli fi ħdan il-Ministeru għall-Enerġija tal-Federazzjoni Russa għall-iżvilupp ta' proġetti elettroenerġetiċi fil-Krimea. Dawn il-proġetti jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u tipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	4.8.2017
160.	Sergey Anatolevich TOPOR-GILKA Топор-Гилка, Сергей Анатольевич	Direttur Ġenerali ta' OAO "VO TPE" sal-insolvenza tagħha, Direttur Ġenerali ta' OAO "VO TPE". Data tat-twelid: 17.2.1970	Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur Ġenerali ta' OOO "VO TPE", huwa mexxa n-negozjati ma' Siemens Gas Turbine Technologies OOO dwar ix-xiri u l-konsenja tat-turbini tal-gass għal impjant tal-elettriku f'Taman, ir-reġjun ta' Krasnodar, Federazzjoni Russa. Kien responsabbli għat-trasferiment tat-turbini tal-gass lill-Krimea. Dan jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	4.8.2017

II. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-Elenkar
38.	OAO "VO Technopromexport" (OAO "VO TPE") Magħrufa wkoll bħala: Open Joint Stock Company "Foreign Economic Association" "Technopromexport" Открытое акционерное общество Внешнеэкономическое объединение Технопромэкспорт	Indirizz: 119019, Moscow, Novyi Arbat str., 15, building 2 Data ta' reġistrazzjoni: 27.07.1992 Numru ta' Reġistrazzjoni Statali: 1067746244026 Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa: 7705713236	Parti kontraenti ma' Siemens Gas Turbine Technologies OOO, OAO "VO TPE", xtrat turbini tal-gass id-dikjarati bħala maħsuba għal impjant tal-elettriku f'Taman, reġjun ta' Krasnodar, Federazzjoni Russa, u bħala l-kuntrattur kienet responsabbli għat-trasferiment tat-turbini tal-gass lill-OOO "VO TPE" li minnaħa tagħha ttrasferixxiethom biex jiġu installati fil-Krimea. Dan jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.	4.8.2017

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-Elenkar
39.	<p>ООО "VO Technopromexport" (ООО "VO TPE")</p> <p>Magħrufa wkoll bħala: Limited Liability Company "Foreign Economic Association" "Technopromexport"</p> <p>Общество с ограниченной ответственностью "Внешнеэкономическое объединение Технопромэкспорт"</p>	<p>Indirizz: 119019, Moscow, Novyi Arbat str., 15, building 2</p> <p>Data ta' reġistrazzjoni: 08.05.2014</p> <p>Numru ta' Reġistrazzjoni Statali: 1147746527279</p> <p>Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa: 7704863782e</p>	<p>Sid attwali tat-turbini tal-gass li oriġinarjament ġew fornuti minn Siemens Gas Turbine Technologies ООО lil OAO "VO TPE". ООО "VO TPE" trasferixxiet it-turbini tal-gass biex jiġu installati fil-Krimea. Dan jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.</p>	4.8.2017
40.	<p>ЗАО Interavtomatika (IA)</p> <p>Magħrufa wkoll bħala: ЗАО "Интеравтоматика", CJSC "Interavtomatika"</p>	<p>Indirizz: 115280, Moscow, Avtozavodskaya st., 14,</p> <p>Data ta' Reġistrazzjoni: 31.01.1994</p> <p>Numru ta' Reġistrazzjoni Statali: 1037739044111</p> <p>Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa: 7725056162</p>	<p>Kumpannija speċjalizzata fis-sistemi ta' kontroll u komunikazzjoni għall-impjanti tal-elettriku, li daħlet f'kuntratti għal proġetti marbuta mal-bini ta' impjanti tal-elettriku u l-installazzjoni ta' turbini tal-gass f'Sevastopol u f'Simferopol. Dan jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukrajna, u jipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna.</p>	4.8.2017